MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 174/2010

**A B bhala kuratrici ad litem**
**tal-minuri B B**
**vs**
**D E B,**
**F G u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li fis-7 ta’ Jannar 2010 twieldet mill-attrici l-minuri B li, fuq l-att tat-twelid taghha numru 376/2010, giet registrata bil-kunjom B; li fil-fatt it-tifla kienet giet koncepita fil-kors ta’ relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut F G; li ghalhekk il-konvenut D E B mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija; ghalhekk l-attrici nomine qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li t-tifla B mhijiex il-wild naturali tal-konvenut D E B, izda tal-konvenut l-iehor F G; [2] tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv;

Rat ir-risposta guramentata tar-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut F G li biha ddikjara li jaqbel mal-premessi u mat-talbiet maghmula fir-rikors guramentat;

Rat li l-konvenut D E B baqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Analista Paul Sultana u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla B li twieldet minn A B fis-7 ta' Jannar 2010, u li fl-att tat-twelid taghha numru 376/2010, giet registrata bhala bint il-konvenut D E B, hija fil-fatt il-wild naturali u bijologika tal-konvenut l-iehor F G.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jrrizulta pacifiku bejn il-partijiet li wara li A B u l-konvenut D E B isseparaw de facto f' Awissu 2008, huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar.

Wara li dan il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, l-imsemmija A B fis-sena 2009 dahlet f' relazzjoni esklussiva mal-konvenut l-iehor F G, u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla B fid-data fuq indikata.

Illi l-partijiet jaqblu li t-tifla hija l-wild naturali tal-konvenut F G, u r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma din it-tezi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla B li twieldet minn A B fis-7 ta' Jannar 2010 mhijiex il-wild naturali tal-konvenut D E B, izda hija l-wild naturali u bijologika tal-konvenut F G; u ghalhekk tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 376/2010 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenut F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------